MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum id-29 ta' April, 2019

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 514/2019/1LM

**Vassallo Jimmy (KI 135678M)**

***vs.***

**1. Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar; 2. Kummissarju tal-Pulizija; u b'digriet mogħti fil-25 ta' April, 2019 Alan Bugeja ġie awtorizzat jintervjeni *in statu et terminis***

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Jimmy Vassallo** (KI 135678M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent") li ġie ppreżentat fis-16 ta' April, 2019 u maħluf mill-istess rikorrent, li jgħid:

*"Illi l-esponent sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati milli jikkonċedu permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja f'Pjazza tal-Bajja, Buġibba unikament lill-persuna waħda għal żona kollha tal-istess pjazza ad esklużjoni ta' persuni oħra inkluż ir-rikorrent li jiġġestixxu n-negozju tagħhom fl-istess żona;*

*Illi r-rikorrent jopera Bar u Restaurant bl-isem ta' Bad Bull BBQ House fl-istess pjazza u talab ripetutament li jiġi konċess lilu l-istess fakultà u jarma fl-ispazju quddiem l-azjenda tiegħu b'gazebo u għamara oħra. Dana qed jintalab limitatament għal perijodu ta' bejn it-30 ta' April, 2019 għal avveniment li jġib l-isem ta' Lost & Found li huwa kunċert ta' mużika għaż-żgħażagħ u li jinżamm darba fis-sena;*

*Illi l-intimati naqsu li mhux biss li jagħtu permess u/jew liċenzja għalkemm mitluba iżda wkoll lanqas taw risposta definittiva jekk hux se jiġi konċess li jagħtu lir-rikorrent dak li hu mitlub lill-intimati;*

*Illi r-rikorrent għandu suspett fondat illi n-nuqqas ta' aġir tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent ser jibbenefika intenzjonalment terza persuna biss u r-rikorrent jiġi rinfaċċjat b'fait accompli;*

*Illi l-persuna konċernata tkun trid tagħlaq iż-żona permezz ta' barriers sabiex l-affluwenza tan-nies patroċinanti tkun iggwidata u diretta esklussivament lejn l-ażjenda tal-istess konċessjonarju tal-liċenzja b'tali mod li jiġu esklużi milli jiffrekwentaw u jippatroċinaw l-ażjenda tar-rikorrent;*

*Illi r-rikorrent għandu bżonn jaf il-posizzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jirregola ruħhu u jkollu żmien biżżejjed sabiex jipprepara ruħu mil-lat loġistiku u mil-lat ta' proviżjon għall-istess attività kummerċjali però sallum għadu bla risposta;*

*Illi l-esponent se jiġi ppreġudikat b'mod irrimedjabbli u d-drittijiet jiġu leżi jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu lill-intimati milli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija b'tali mod li jagħtu l-permess lil persuna waħda biss fuq iż-żona kollha ad esklużjoni tar-rikorrent fuq iż-żona immedjatament faċċata u quddiem l-azjenda tiegħu u dana taħt kull provvediment li jogħġobha timponi."*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2019 fejn laqgħet ir-Rikors provvizorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija (minn issa 'l quddiem "l-Kummissarju intimat") ippreżentata fit-23 ta' April, 2019, li tgħid kif ġej:

*"Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti illi żżomm lill-intimati milli:*

*"jikkonċedu permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja f'pjazza tal-Bajja, Buġibba unikament lil persuna waħda għal żona kollha tal-istess pjazza ad eskluzzjoni ta' persuni oħra inkluż ir-rikorrenti li jiġġestixxu n-negozju tagħhom fl-istess żona;"*

*L-esponenti jissottomettu li t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi muri.*

***Ir-rekwiżiti legali sabiex ikun jista' jinħareġ mandat ta' inibizzjoni.***

*Illi qabel ma jiġu indirizzati l-fatti tal-każ, l-esponenti sejrin jgħaddu sabiex jagħmlu sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Illi l-Artikolu 873 (1) u (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi illi:*

*"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet".*

*Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:*
*"huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-*

*Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat" [enfasi miżjuda mill-esponent] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' Jannar, 2005; **Angelo Xuereb vs Mario Hili**, Qorti tal-Kummerċ, Rikors numru 3135/94 deċiża fit-22 ta' Settembru 1995)."*

*L-esponenti jirrilevaw illi sabiex jinħareġ Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti għandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali ħruġ huwa meħtieġ sabiex jiġu mħarsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li prima facie ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet.*

*L-esponenti jirreferu wkoll għall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn ġie osservat illi:*

*"Ir-rekwiziti essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:*

*I. Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent [DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNEĊESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];*

*II. Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT PRIMA FACIE JIDHER LI GĦANDU DAWK IL-JEDDIJIET".*

*Illi l-liġi tħares il-"jedd" prima facie, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. L-esponenti jirrileva illi wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disagju jew tħassib (**L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs. Id-Direttur tal-Kuntratti** – Mandat numru 976/08JRM).*

*Illi l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-ħsara li minnha r-rikorrenti jilmenta tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu jiġi nieqes it-tieni element għall-ħruġ tal-mandat. Hija ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċioe li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija waħda ntiża sabiex tirkupra danni.*

*Dan għaliex ir-rikorrenti għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-preġudizzju li jista' jsofri huwa wieħed irrimedjabbli u li ma jistax jiġi evitat ħlief bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.*

*L-esponenti jirreferu għall-provvediment fl-ismijiet* ***Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti*** *(Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn gie osservat illi:*

*"Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista' jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor".*

*Illi inoltre, l-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:*

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tigi miżmuma".*

*L-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinħareġ il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jiġu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u ċioe' is-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.*

***Il-fatti***

*Il-fatti saljenti li huma rilevanti għall-finijiet tar-rikors odjern huma s-segwenti:*

*Illi l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar informa lill-esponent illi r-rikorrent bagħat ittra email fl-4 ta' April 2019 lill-istess Kunsill Lokali sabiex japplika għal gazebo sabiex ibiegħ bżieżaq biss fl-istess gazebo. Ġara wkoll illi fis-17 ta' April 2019 r-rikorrent bagħat email oħra lill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar sabiex jinforma lill-istess Kunsill illi jixtieq illi l-gazebo tintuża għal bejgħ ta' xorb mhux alkoliku, xorb alkoliku u bżiezaq. Illi tajjeb li jingħad illi l-aħħar rikjesta saret ġurnata wara li infetħu l-proċeduri odjerni (16 ta' April 2019). Illi l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar informa lill-esponent illi tali rikjesta għal permess mhuwiex ser jigi rrifjutat u li kienu qiegħdin jistennew biss no objection mill-esponent. Illi tali no objection hija proċedura/komunikazzjoni interna li ssir bejn il-partijiet u li permess simli gja kien konċess fis-sena 2018;*

*Illi jidher illi r-raġuni wara l-intavolar ta' dan il-mandat huwa illi stabbilment bieb ma' bieb tar-rikorrent u ċjoe 'Cesare Bar' għandu intenzjoni illi japplika għal permess mal-istess Kunsill sabiex ipoġġi barrier viċin ż-żona ta' negozju tiegħu. Illi madanakollu dawn il-barriers m'humiex ser jwaqqfu lill-patruni milli jidħlu u joħorġu fis-stabbilment tar-rikorrent u ċjoe 'Bad Bull BBQ House' mingħajr ma jħallsu ebda miżata. Illi b'żieda ma' dan ħareġ ċar illi s-skop wara illi barriers huwa wieħed ta' sigurtà kif wkoll sabiex persuni taħt l-età ma jaċċedux għas-stabbilment Cesare bar;*

*Illi r-rikorrent oġġezzjona u stqarr illi patruni illi jkunu fiż-żona ta' Cesare bar m'humiex ser jkunu jistgħu jmorru fil-bar u/jew gazebo tar-rikorrent (Bad Bull BBQ House) imma ser jkunu jistghu jmorru biss f'Cesare Bar;*

*Illi joħroġ ċar illi m'huwiex minnu illi terzi persuni ser jingħataw dritt esklussiv jew permess sabiex joperaw fil-pjazza tal-Bajja f'Buġibba stante illi l-permess għall-barriers li jista' jkun il-każ li jingħata mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar lill-terz ossia Cesare Bar għandu fl-ewwel lok l-iskop li jassigura illi persuni taħt l-età ma jkollhomx aċċess għall-bars kif wkoll l-skop illi l-barriers iservu sabiex tigi ggwidata rassa ta' nies mingħajr periklu f'triq pubblika. Fit-tieni lok, n-negozju tar-rikorrent Bad Bull BBQ House mhuwiex ser jigi affetwat u/jew ppregudikat għaliex effettivament in-nies ser jkunu jistgħu jaċċedu fin-negozju tiegħu bla problemi.*

***Mertu tar-rikors***

*Illi traċċjati l-fatti saljenti, jissottometttu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, intenzjonati biex jivvessaw u jikkostitwixxu abbuż tal-proċedura ġudizzjarja.*

*Illi fl-ewwel lok, l-esponent jissottometti li huwa mhux vestit b'poteri mil-Liġi sabiex jikkonċedi permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja għal ħruġ ta' għamara sabiex jingħata servizz ta' xorb u ikel. Illi jigi rrilevat illi il-Liġi Sussidjarja 441 tal-2004 u ċjoe attivitajiet li jeħtieġu permess mil-Kunsill Lokali tistipula fl-artikolu 9 (1) illi:*

*9. (1) "Ebda persuna ma tista' tqiegħed imwejjed jew siġġijiet f'xi triq biex jingħata servizz ta' ikel u xorb f'xi ġurnata, jew ġranet speċjali jew speċifiċi mingħajr il-permess tal-**Kunsill Lokali.**"  (enfazi tal-esponent)*

*Illi di più l-istess Liġi sussidjarja tistipula fl-artikolu 10 illi:*

*10. (1) "Ħadd ma jista' jwaqqaf xi posta jew kjosk, f'xi triq jew jagħmel xi attività kummerċjali f'tali triq f'xi ġurnata jew ġranet speċjali jew speċifiċi mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali:*

*Iżda l-Kummissarju tal-Pulizija jista', għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika, jew moralità pubblika, iwaqqaf jew jissospendi permess maħruġ taħt dan ir-regolament."*

*Illi għaldaqstant joħroġ ċar illi l-entità kompetenti mgħobbija bis-setgħa illi toħroġ permess u/jew liċenzja kif mfisser fir-rikors odjern huwa l-intimat l-ieħor u ċjoe il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u mhux l-esponent. L-esponent kif digà spjegat jiġi kkonsultat mill-Kunsill relattiv fir-rigward ta' no objection, liema konsultazzjoni ssir bħala konsultazzjoni interna u liema konsultazzjoni m'hijiex deċiżjoni fiha innifisha. Illi aktar minn hekk l-esponent ma jikkonċediex permessi imma semmai wara li jinħareġ permess jissospendi jew iwaqqaf tali permess kif stipulat fl-artikolu 10(1) tal-Liġi Sussidjarja 441 tal-2004. Illi jidher għalhekk li l-fatt li qed jittanta jwaqqaf ir-rikorrent effettivament mhux ser isir u dan stante li l-Kummissarju tal-Pulizija m'għandux setgħa joħroġ ebda permess u/jew liċenzja sabiex jigi konċess permess temporanju għal għamara f'pjazza in vista tal-fatt illi tali permessi jinħarġu mill-Kunsilli Lokali. Illi per konsegwenza, wieħed mill-elementi għall-ħruġ*

*tal-Mandat, għalhekk, mhuwiex sodisfatt. Fuq dan il-punt issir riferenza għad-Digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Jeffrey Farrugia vs Kummissarju tal-Artijiet et**" (rikors numru 1109/13) deċiż fil-31 ta' Lulju 2013 fejn ġie osservat illi "Għal din il-Qorti huwa ben evidenti illi bid-dikjarazzjoni uffiċjali li saret illum mill-inimat mhuwiex sodisfatt ir-rekwiżit rikjest fl-ewwel parti tas-subinċiż (3) tal-Art. 873. U billi l-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi, jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat".*

*Illi joħroġ ċar illi l-Mandat ta' Inibizzjoni ma kellux jinħareġ fil-konfront tal-esponent u dawn għar-raġunijiet suesposti. Illi jkunu siewi illi l-propjetarju ta' Cesare Bar jkun notifikat bil-proċeduri odjerni sabiex fl-aħjar ipoteżi jispjega lill-Qorti ċ-ċirkostanzi u fatti saljenti tar-rikors odjern;*

*Illi għalhekk il-mandat ta' inibizzjoni in risposta m'għandux ikompli jisussisti fil-konfront tal-esponent;*

*Għal dawn ir-raġunijiet, l-esponent jissottometti li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-esponent għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

Rat ir-Risposta tal-intimat Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar (minn issa 'l quddiem "l-kunsill lokali intimat") ippreżentata fil-25 ta' April, 2019, li tgħid kif ġej:

1) *Illi permezz ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni r-rikorrenti għamel talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżżomm lill-intimati milli:*

   *"Jikkonċedu permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja f'Pjazza tal-Bajja Buġibba unikament lil persuna waħda għaż-żona kollha tal-istess pjazza ad esklużjoni ta' persuni oħra inkluż ir-rikorrenti li jiġġestixxi n-negozju tagħhom fl-istess żona".*

2) *Illi l-esponenti umilment jissottometti li t-talbiet magħmula min-naħa tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi muri aktar 'il quddiem.*

***Rekwiżiti legali biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni***

3) *Illi r-rekwiżiti tal-liġi sabiex jiġi milqugħ il-mandat de quo ma ġewx sodisfatti u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-istess mandat u tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2019;*

4) *Illi kif ippronunzjaw ruħhom diversi drabi l-Qrati tagħna, il-liġi tippreskrivi żewġ elementi li għandhom jissussistu ad validitatem sabiex jintlaqa' mandat ta' inibizzjoni. Dawn huma:*

*a. Id-dritt tar-rikorrent li prima facie jeżisti;*

*b. Il-bżonn tal-ħruġ tal-mandat sabiex jiġi evitat preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrent tad-drittijiet tiegħu, u li dan jirriżulta b'mod prima facie;*

5) *Illi tali elementi neċessarji sabiex jissussisti mandat ta' inibizzjoni jinsabu spjegati b'mod dettaljat fil-ġurisprudenza nostrana fosthom is-sentenzi **Connie Galea et vs. Joseph Gauci, Qorti tal-Appell, 7/10/1997; Salvino Testaferrata Moroni Viani vs. Is-soċjetà Testaferrata Estates Limited u Peter Paul Testaferrata Moroni Viani et, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 3/11/1997 u Borg Grech vs Gasan et noe, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 2/01/1999)**;*

6) *Illi r-rikorrenti, fir-rikors tiegħu li ġie ppreżentat fis-16 ta' April, 2019, ma pprovdiex ebda forma ta' provi dokumentarji biex jissostanzja t-talba jew l-allegazzjonijiet intavolati, kemm dwar l-allegat dritt tar-rikorrenti, kif ukoll li l-ħruġ ta' dan il-mandat huwa allegatament neċessarju sabiex tali allegati drittijiet tar-rikorrenti ma jiġux "preġudikati irremidjabbilment";*

7) *Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et noe** l-Onorabbli Qorti kienet qalet b'mod ċar li element importanti ta' mandat ta' inibizzjoni huwa li l-allegat ħsara li se tkun qed tilmenta minnha ir-rikorrenti ma tkunx tista' tissewwa mod ieħor. Preċiżament il-Qorti qalet is-segwenti:*

*"L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax*

*tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħieġ għall-ħruġ tal-Mandat."*

***Il-Fatti tal-każ***

8) *Illi fl-4 ta' April, 2019 l-esponenti rċieva talba mingħand ir-rikorrenti* (recte) *sabiex dan jarma gazebo f'Pjazza tal-Bajja Buġibba liema gazebo kellu jbiegħ il-bżieżaq (balloons). Ftit jiem wara permezz ta' email il-kunsill esponenti kien ta "no objection" lir-rikorrenti sabiex jbiegħ dawn il-bżieżaq u jarma gazebo.*

9) *Illi fis-17 ta' April u ergo* ***fl-istess gurnata li fih gie intavolat dan il-mandat ta' inibizzjoni odjern****, ir-rikorrenti permezz ta' email informa lil-esponenti li xtaq ibiegħ xorb alkoħoliku u xorb ieħor minn din il-Gazbeo.*

10) *Illi l-kunsill esponenti f'każi bħal dawn għandu proċedura interna li qabel joħroġ dawn it-tip ta' permessi, ġaladarba wara li joħroġ il-permess l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jirrevoka l-istess permess, jitlob direzzjoni jew no objection minn naħa tal-Pulizija.*

11) *Illi l-Kunsill esponenti fil-każ tar-rikorrenti wara li rċieva t-talba biex jinbiegħ xorb alkoħoliku, ikkomunika mal-Pulizija u kien qed jistenna direzzjoni minn naħa tal-Pulizija biex jara jekk hemmx xi oggezzjoni jew inkella xi kundizzjonijiet li xtaqu li jiġu mposti f'każ li ma jkunx hemm oġġezzjoni.*

12) *Illi meta il-Kunsill ġie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni twaqqaf għal kollox il-proċess ta' permessi mhux biss ta' dan l-istabbilment tar-rikorrenti iżda tal-istabbilmenti kollha tal-imsemmija pjazza.*

13) *Illi l-kunsill esponenti jagħmel referenza għal dak imsemmi fil-mandat ta' inibizzjoni intavolat mir-rikorenti u ċioe' li se tingħalaq xi parti mil-pjazza bil-barriers. Illi l-kunsill esponenti qabel xejn jrid jisħaq li sal-lum hu għadu ma tax permess biex issir xi attività f'dik il-pjazza u għalhekk għad ma hemmx deċiżjoni dwar jekk għandhomx jintużaw barriers jew le. Iżda li kieku tittieħdet id-deċiżjoni li jintużaw l-barriers dan żgur ma jkunx għall-iskop imsemmi mir-rikorrenti iżda sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-persuni li se jattendu.*

***Mertu***

14) *Illi hija l-umli fehma tal-esponenti u anke wara li ġew rilevati l-punti saljenti, li l-pretensjonijiet mressqa 'l quddiem mir-rikorrenti huma totalmenti infondati fil-fatt u fid-dritt u inoltre ma jissusstux bl-ebda mod l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

15) *Illi ħarsa lejn ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tar-rikorrenti, wieħed minnufih jintebaħ li dan huwa ibbażat kollu* ***tħassib*** *tal-istess rikorrenti u mhux fuq fatti. Ir-rikorrenti qed* ***jaħseb*** *li l-esponenti se tagħti permess fil-Pjazza suindikata lill-persuna waħda biss. L-esponenti qed* ***jaħseb*** *wkoll li r-rikorrenti se jkun qed jagħti permess għall-barriers sabiex il-persuni li jattendu jiġu direzzjonati fi stabbilment wieħed. Illi bid-dovut rispett lejn ir-rikorrenti t-tħassib u l-immaġinazzjoni fertili bl-ebda mod ma twassal biex jitlaħaq r-rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u ċioe' li jkun hemm jedd prima facie. Illi din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-sentenza bl-ismijiet* ***Cassar Pullicino noe vs. Caruana Curran noe et*** *mogħtija fis****-26 ta' Mejju 1995*** *il-Qorti iddikjarat b'mod car li sempliċi tħassib mhux biżżejjed biex jintlaħaq r-rekwiżit tal-prima facie. Di fatti l-Qorti kienet qalet is-segwenti:*

*"il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew* ***tħassib.***

16) *Illi inoltre mil-qari tar-rikors tar-rikorrenti wieħed minnufih jintebaħ li l-uniku preġudizzju li r-rikorrenti qed jaħsbu li se jsofru jammonta għal telf pekunjarju u dan għaliex r-rikors jagħmel lamentata dwar il-fatt li l-persuni li jiġu lkoll direzzjonati lejn stabbilment wieħed u li permess se jingħata lil persuna wahda. Apparti mil-fatt li dan huwa kollhu tħassib kif spejgat aktar 'il fuq, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet* ***Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et*** *ingħad is-segwenti:*

*"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."*

17) *Illi l-esponenti umilment jissottometti li l-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċioé jista' jinħoloq dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'deċiżjonijiet oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet Angelo* ***Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe*** *tispjega:*

*"… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …"*

18) *Illi fl-umli fehma tal-esponenti huwa ċar li anke jekk dak li qed jallega r-rikorrenti verament jseħħ dan bl-ebda mod mhu se jwassal għal danni irrimedjabbli u dan għaliex xorta waħda r-rikorrenti jkollu alternattivi oħra.*

19) *Illi in konkluzjoni l-esponenti jissottometti li l-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni kif użata mir-rikorrenti hija intenzjonati biex tivvessa u jikkonstitwixxi abbuż tal-proċedura ġudizjarja. Illi kif ingħad bosta drabi mil-Qorti Mandat ta' Inibizzjoni m'ghandhux jintuża bħala arma ta' theddid jew arm twisting. Dan ingħad b'mod ċar fis-sentenza* ***Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti:***

*"Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-esponenti umilment jissottometti li t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-esponenti għanda tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2019 fejn ordnat li l-atti ta' dan il-Mandat jiġu notifikati lill-operatur ta' 'Cesare Bar' għal kull interess li jista' jkollu.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April, 2019 fejn l-avukat Vincent Galea għal Alan Bugeja bħala operatur ta' Ceasar's Bar, Victoria Bar u Miracles Bar talab li jintervjeni fl-atti ta' dan il-Mandat stante li jekk jintlaqa' dak li qiegħed jintalab fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni odjern, id-drittijiet tal-imsemmi Alan Bugeja jistgħu jiġu affettwati u għaldaqstant għandu l-interess ġuridiku meħtieġ għall-intervent tiegħu.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' April, 2019 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 960 tal-Kap. 12 laqgħet it-talba ta' Alan Bugeja u awtorizzat li jiġi mdaħħal fl-atti ta' dan il-mandat *in statu et terminis* a tenur tal-imsemmi artikolu inkluż bid-dritt li jippreżenta r-risposta bil-miktub u li jressaq il-provi li hemm bżonn in sostenn tal-interess tiegħu.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April, 2019 fejn l-intervenut f'dawn il-proċeduri Alan Bugeja fl-ewwel lok irrileva illi sal-lum il-ġurnata l-permess rikjest mill-Kunsill Lokali għadu ma ngħatax. Dan il-permess intalab fit-22 ta' April, 2019. Illi għalhekk meta ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma kien hemm l-ebda talba. Fit-tieni lok l-intervenut Alan Bugeja rrileva li jekk dak li qed jallega r-rikorrenti jirriżulta, l-unika azzjoni permissibbli għalih hija dik tad-danni u għalhekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li jintlaqa' dan il-mandat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta' April, 2019 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qiegħed jingħata llum.

Rat l-artikoli tal-Kap. 12 rilevanti għal ħruġ ta' mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873 (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[1]

---

[1] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré**, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioé telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi." [2]

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċioé jista' jinħoloq dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'deċiżjonijiet oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

[2] P.A., 13.05.2014.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati tagħna fosthom, *inter alia* fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan *et*** (Rikors Nru 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**;[3]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[4] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti

---

[3] P.A., 28.01.2005.
[4] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax *prima facie* bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta’ Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li “jidher”, fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t’għajn li għandu raġun, jiġifieri b’mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b’mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa’ fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta’ din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x’inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta’ dritt, anke jekk din tista’ ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[5];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[6];

(5) Barra minn hekk l-artikolu 873(3) tal-Kap. 12 jipprovdi illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha

[5] P.A., 25.01.2005.
[6] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.

jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tigi miżmuma;

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[7]

**Ikkonsidrat:**

Permezz tat-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti żżomm lill-intimati milli jagħtu permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja f'Pjazza tal-Bajja, Buġibba, għal perijodu ta' bejn it-30 ta' April, 2019 għal avveniment li jġib l-isem ta' Lost & Found, unikament lill-persuna waħda għaż-żona kollha tal-istess pjazza ad esklużjoni ta' persuni oħrajn, inkluż ir-rikorrent, li jiġġestixxu n-negozju tagħhom fl-istess żona li tiġi immedjatament quddiem l-azjenda tiegħu.

Ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni mhux għax ser issir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrent, imma għax qed jgħid li għandu 'suspett fondat' illi bin-nuqqas ta' aġir tal-intimati fil-konfront tiegħu, li ma ħarġulux permess u/jew liċenzja mitluba u naqsu milli jagħtuh

[7] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

risposta definittiva jekk hux se jiġi konċess li jagħtu lir-rikorrent dak li hu mitlub mill-intimati, dan ser jibbenefika intenzjonalment lil terza persuna biss u r-rikorrent jiġi rinfaċċjat b’*fait accompli*.

Il-Qorti tirrileva li l-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni mhuwiex maħsub illi jindirizza xi suspett, xi tħassib, preokkupazzjoni jew diżaġju li r-rikorrent jista’ jkollu, imma tali mandat għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta’ dritt li bl-att li jkun qed jintalab li jiġi miżmum bil-Mandat, jista’ jiġi ppreġudikat b’mod irrimedjabbli. Mill-provi jirriżulta illi dakinhar li ġie intavolat ir-rikors għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni fis-16 ta’ April, 2019, l-unika talba li r-rikorrent kien għamel lill-Kunsill intimat kienet proprju għall-permess ta’ gazebo minn fejn huwa seta’ jbiegħ il-bżieżaq, għal liema talba l-Kunsill intimat wieġbu li ma kellu ebda oġġezzjoni għal din it-talba.[8] It-talba tar-rikorrent għall-permess ta’ gazebo għall-bejgħ ta’ xorb alkoħoliku u non-alkoħoliku saret fis-17 ta’ April, 2019[9], ċjoé l-għada[10] li ġie ppreżentat ir-rikors odjern għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni u għalhekk tali talba strettament għandha titqies li taqa’ barra mill-iskop ta’ dan il-mandat ta’ inibizzjoni li qiegħed jintalab il-ħruġ tiegħu mir-rikorrent.

Tqis illi r-rikorrent ma rnexxilux jipprova imqar fuq livell *prima facie* l-allegazzjoni mill-aktar serja li huwa għamel, li l-kunsill lokali u l-Kummissarju tal-Pulizija intimat jinsabu f’kollużjoni mal-intervenut f’dawn il-proċeduri Alan Bugeja sabiex dan jiġi aġevolat u vantaġġjat a spejjeż tar-rikorrent. Ir-rikorrent

---

[8] *A fol.* 37 tal-proċess.
[9] *A fol.* 36 tal-proċess.
[10] L-applikazzjoni tar-rikorrent għall-bejgħ mill-gazebo ta’ xorb alkoħoliku u non-alkoħoliku saret fis-17 ta’ April, 2019 u mhux fis-16 ta’ April, 2019 kif erronjament indikat mill-kunsill intimat fil-paragrafu tar-Risposta tiegħu.

filwaqt li jgħid li għandu suspett fondat dwar dak li ġie allegat minnu, hija l-fehma tal-Qorti li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova fuq xiex dan is-suspett huwa fondat, imqar fuq livell *prima facie*.

L-att li r-rikorrent qiegħed jittenta li jżomm milli jsir permezz tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, ċjoé li l-intimati jinżammu milli jagħtu l-permess lil persuna waħda biss fuq iż-żona kollha ad esklużjoni tar-rikorrent fuq iż-żona immedjatament quddiem il-ħanut tiegħu, mhuwiex il-każ li jinżamm milli jsir bil-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, ladarba jirriżulta ċar li mhijiex l-intenzjoni tal-Kunsill intimat li jwettaq l-att li r-rikorrenti qiegħed jitlob li jiġi inibit. Is-sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar Ann Marie Fenech meta fix-xhieda tagħha[11] ikkonfermat bil-ġurament li l-kunsill intimat ma kellux il-ħsieb li jagħti permess esklussivament lil persuna waħda ad esklużjoni ta' oħrajn. Il-Qorti ikkonsidrat dak li jingħad fl-artikolu 873(3) tal-Kap. 12, li l-qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra awtorità pubblika kemm-il darba l-awtorità li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir. Din il-Qorti tqis illi l-imsemmi rekwiżit għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' awtorità pubblika bħalma huwa l-kunsill lokali intimat, fil-każ odjern ma ġiex sodisfatt.

Illi inoltre kwantu għall-*barriers* li jistgħu jitqiegħdu fil-pjazza waqt l-attività msemmija fir-rikors promotur, il-kunsill intimat fir-Risposta tiegħu[12] jgħid illi għadu ma tax permess biex issir xi attività f'dik il-pjazza u għalhekk għad ma

[11] *A fol.* 42 *et seq*. tal-proċess.
[12] Paragrafu 13 tar-Risposta tal-kunsill intimat.

hemmx deċiżjoni dwar jekk għandhomx jintużaw *barriers* jew le. Il-kunsill intimat kompla jgħid illi kieku tittieħdet id-deċiżjoni li jintużaw l-*barriers,* dan żgur ma jkunx għall-iskop imsemmi mir-rikorrenti iżda sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-persuni li se jattendu. Is-sindku tal-kunsill intimat Ann Marie Fenech fix-xhieda tagħha ppreċiżat illi l-*barriers* semmai jintużaw biex iżommu lin-nies milli jaqsmu kif ġie ġie miż-żona tal-pjazza fejn ikunu qegħdin jixorbu, dritt għal ġot-triq li tagħti għal fuq il-*front*.[13] Fi kwalunkwe każ però r-rikorrent fit-talba tiegħu għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, qiegħed jitlob illi l-intimati jinżammu milli jagħtu permess u/jew liċenzja ta' natura temporanja f'Pjazza tal-Bajja, Buġibba, għal perijodu ta' bejn it-30 ta' April, 2019 għal attività li jġib l-isem ta' Lost & Found, unikament lill-persuna waħda għaż-żona kollha tal-istess pjazza ad esklużjoni ta' persuni oħrajn, inkluż ir-rikorrent, li jiġġestixxu n-negozju tagħhom fl-istess żona li tiġi immedjatament quddiem l-azjenda tiegħu, u ma jagħmel l-ebda riferiment għall-kwistjoni tal-*barriers*. Loġikament il-Qorti fi proċeduri ta' din ix-xorta ma tistax tordna bil-ħruġ tal-mandat li jinżamm milli jsir dak li fil-fatt fir-rikors promotur ma ntalabx li jinżamm milli jsir.

Min-naħa tiegħu s-supretendent Mario Haber xehed[14] illi jekk ma jkunx hemm *barriers* bejn iż-żona tal-pjazza operata mill-istabbilimenti u l-parti tan-nofs tal-pjazza, jista' jinħoloq periklu għal min ikun qiegħed jaqsam il-pjazza għall-affari tiegħu bit-tfal eċċ. Is-supretendent Mario Haber xehed ukoll illi jekk ma jitqegħdux *barriers* li jifirdu ż-żona tal-pjazza operata mill-istabbilimenti mill-

[13] *A fol.* 50 tal-proċess.
[14] *A fol.* 66 tal-proċess.

bqija tal-pjazza, f'dak il-każ il-Pulizija jkollha tifred il-pjazza bil-preżenza fiżika ta' membri tal-Korp tal-Pulizija. Il-Qorti tqis illi ladarba joħroġ ċar mill-atti illi jekk jinħarġu l-permessi mill-kunsill lokali intimat, l-iskop tal-*barriers* ikun biss għal raġunijiet ta' siġurtà, huwa unikament l-intimat Kummissarju tal-Pulizija li għandu jiddetermina fejn, kif u b'liema mod għandhom jitqiegħdu il-*barriers*, u dan b'konsultazzjoni ma' kull parti f'dawn il-proċeduri, il-kunsill lokali intimat, l-intervenut f'dawn il-proċeduri u r-rikorrent, u dan a skans ta' kull ekwivoku.

<u>**Decide**</u>

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni u għalhekk qiegħda tordna r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2019 sa fejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament.**

**Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, tordna l-komunika ta' dan il-provvediment lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.**

Mogħti kameralment fid-29 ta' April, 2019.